MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 244/2004

**Emando Limited [c-25803]**
**Vs**
**Ashraf Shanin Sallam [ID.15911A]**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat mill-konvenut fil-11 ta' Gunju 2004 li permezz tieghu talab li jiggustifika l-kontumacja tieghu u li jigi awtorizzat jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet [Fol.14];

Rat ir-risposta tas-socjeta' attrici li permezz taghha oggezzjonat ghat-talba tal-konvenut, ghar-ragunijiet kontenuti fl-istess risposta [Fol.16 et seq.];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament, u s-sottomissjonijiet tal-partijiet in propositu;

Ikkunsidrat;

Illi fis-6 ta’ April 2004 is-socjeta’ attrici prezentat citazzjoni fil-konfront tal-konvenut li, flimkien mal-Avviz tas-smigh, giet notifikata lilu, fis-19 ta’ April 2004 fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin fejn kien mizmum il-konvenut f’ dak iz-zmien.

It-tesi tal-konvenut f’ dan ir-rigward hija li, peress li meta rceva l-att tac-citazzjoni huwa kien qieghed mizmum fl-imsemmija Facilita’ ma kienitx facli ghalih li jinkariga Avukat, u inoltre l-Avukat li kien qed jiddefendih fil-kawza kriminali kellu l-inkarigu tieghu limitat ghal daqshekk. Jghid ukoll l-istess konvenut li, ghalkemm huwa jghix Malta u jahdem fil-kummerc f’ Malta, huwa “aktar jifhem bl-ingliz” milli bil-Malti; u fuq mistoqsija jekk meta kien fil-Facilita’ gietx spjegata lilu l-importanza tal-att li kien irceva u tal-kontenut tieghu, huwa rrisponda “Not really, because I don’ t know how to read it. I spent abount five days asking some people to tell me what it is.” [Fol.24]. Ir-rikorrent ippremetta wkoll li “tlett ijiem biss” wara li nghata l-helsien mill-arrest fis-17 ta’ Mejju 2004, huwa mar bil-karti ghand l-Avukat.

L-atturi minn naha taghhom isostnu li dawn huma pretesti da parti tal-konvenut biex itawwal il-proceduri. Jissottomettu li ma kien hemm xejn xi jzomm lill-konvenut milli jikkomunika ma’ Avukat sabiex dan imur il-habs biex jikkonsulta mieghu dwar dak li kien irceva. Seta’ wkoll kellmu bit-telefon. Inoltre, jghidu li l-konvenut ghamel zmien twil f’ Malta, u ghalkemm il-ftehim relatat mal-meritu tal-kawza odjerna huwa redatt bil-lingwa Ingliza, f’ okkazzjonijiet precedenti kienet saret konversazzjoni bil-Malti mal-konvenut.

Il-Qorti qabel xejn tirrileva li ma tikkonsiderax veritiera l-affirmazzjoni tal-konvenut li huwa ma kien kapaci jaqra il-kontenuttal-Att li kien irceva. Dato ma non concesso li ma fehemx l-import legali tieghu, zgur li kellu jara l-ewwel faccata that l-intestatura “T W I S S I J A” u fehem il-kontenut taghha fis-sens li kellu ghoxrin jum ghar-risposta. Wara kollox kif minnu ammess huwa kien ilu <u>jghix u</u>

hadem bhala businessman f' Malta ghal 14 il-sena u xi haga bil-Malti zgur li jaf jaqra.

Inoltre, il-Qorti hija sodisfatta li l-konvenut kien jaf li dak li rceva kien Att tal-Qorti, u qal "I spent about five days asking some people to tell me what it is" [Fol.24]. Jigi rilevat li ma kien hemm xejn x' jimpedih – matul dawn il-hames tijem - li jikkomunika, anke permezz tat-telefon, ma' Avukat. Ma rrizultax mill-provi li huwa talab li jsir kuntatt ma' Avukat u li t-talba tieghu giet michuda mill-awtoritajiet tal-habs. Di piu' ghalkemm fix-xhieda tieghu qal li meta nheles mill-habs huwa mar "immediately" l-ufficju tal-Avukat difensur tieghu, mill-provi rrizulta ex admissis li huwa mar ghand l-Avukat wara tlett ijiem mir-rilaxx tieghu.

Illi in tema legali, jigi osservat li skond il-gurisprudenza lokali, il-kontumacja tista' tigi purgata purche' ma tkunx kolpuza. Il-kontumacja tigi ritenuta gustifikata jekk ma tkunx volontarja jew almenu kolpuza. Inoltre, jehtieg illi tigi provata kawza gusta li tikkonsisti f' impediment legittimu indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci u konsistenti fi zball invincibbli jew f' impossibbilita' fisika milli jidher sabiex jiddefendi ruhu. [1] [ App.C Vittorio Cassar vs Carmelo Vassallo 29.05.1937; u App.C.Benny Zaffarese vs Maximillian Castagna 30.06.1997; PA[RCP] Myriam Causon vs Nicholas Falzon – 30.10.2003 . u kazistika hemm citata]

Illi mill-premess ma jirrizultax li n-nuqqas da parti tal-konvenut kien konsistenti fi "zball invincibbli". Il-Qorti thoss li n-nuqqas tieghu kien wiehed kolpuz stante li dan naqas li jghati lil dak l-Att l-attenzjoni mehtieg. Huwa ddecieda li ma jkellimx Avukat, u jhalli l-karti hemm sakemm johrog mill-habs; u tlett ijiem wara, mar ghand Avukat bihom. Jigi rilevat li l-konvenut ma gab ebda prova biex jikkorrobora d-diffikultajiet li huwa qal li ntaqa' maghhom biex jinkariga Avukat meta kien mizmum fil-habs.

F' dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li tezisti kawza gusta li tikkostitwixxi impediment legittimu estranew ghall-

volonta' tal-konvenut kontumaci; u ghalhekk il-kontumacja tieghu ma tistax titqies gustifikata.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez ta' din id-decizjoni.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------